MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 2270/2004

**MIRAGE HOLDINGS LIMITED**

**vs**

**LAPSI HOLDINGS LIMITED**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Novembru, 2004, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf mitejn u sitta u sebghin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm1276.86) rappresentanti in kwantu ghal Lm1156.86 bhala prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta u in kwantu ghal Lm120 bhala imghax legali fuq l-istess.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali ulterjuri mid-data tal-prezentata ta'l-avviz sal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta, ingunta in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex s-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment s-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-25 ta' Frar 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf mija u sitta u hamsin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm1156.80), kif ukoll mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) bhala imghaxijiet legali dovuti sad-data tal-prezentata ta'l-avviz u bl-imghaxijiet legali ulterjuri.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------